ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 10/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 10/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015**

**Ħin: Fis-6.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**

Is-Sinjura Sandra Grech Kunsilliera u s-Sinjura Marija Saliba *Chairperson,* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 09/07/15

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 09/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba rrefera għall-pġ. 6 Affarijiet Oħra para. 2 u talab biex jitniżżel fil-minuti ''….biex ikun jista' jitkompla l-proċess''.

Il-Viċi Sindku rrefera għall-para. ta' wara u talab biex jitniżżel fil-minuti ''Il-Viċi Sindku u r-residenti li kienu kellmuh qegħdin jaqblu li dan isir biċ-ċangatura''.

Il-Kunsill qabel li jitniżżel fil-minuti r-rimarki tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Saliba u saret korrezzjoni għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 09/07/15

Dwar il-proposta tal-Kunsillier Saliba biex isiru *parking bays* riservata għall-okkażjonijiet ta' żwiġijiet u funerali, il-Kunsillier Saliba rtira l-proposta tiegħu u l-Kunsill qabel.

Il-Kunsill approva stima ta' Paul Caruana €175 biex jitnaddaf il-*water culvert* u tiswija tal-grada tal-istess *culvert* ta' Triq il-Kaċċaturi.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 12/02/2015

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 12/02/2015 tat-Tlieta 27 ta' Ottubru 2015 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Il-Kunsill approva t-tiswija tas-*slipway* tal-Qbajjar, ta' faċċata ta' Qbajjar Restaurant; issir minn Joseph Cefai.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex dwar il-*meters* tad-dawl u tal-ilma tal-*playing field* taż-Żebbuġ u l-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kunsillier Saliba ppropona li għandu jittieħed parir legali dwar il-każ. Il-Kunsillier Cassar issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel li jittieħed parir legali dwar il-każ tal-*meters* tad-dawl u tal-ilma.

Komunikat mibgħut mill-Kap tal-Iskola Primarja Żebbuġ biex jitwaħħal *spot light* fil-kurritur fejn hemm il-librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jitwaħħal *spot light* (Sammy Camilleri).

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern dwar it-terminazzjoni tal-kirja li l-Kunsill Lokali għandu mad-Dipartiment f' Marsalforn. Is-Segretarja Eżekuttiva

għarrfet lill-Kamra bid-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv li jinkera post alternattiv ġewwa Marsalforn.
Il-Kunsill iddeċieda li jieħu parir legali dwar it-terminazzjoni tal-kirja.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proġett tal-Wifi Access Points f' postijiet pubbliċi.
Dwar postijiet fejn għandhom jiġu installati *access points* ġodda, il-Kunsill iddeċieda li jissuġġerixxi lid-Dipartiment il-*playing field* ta' maġenb l-iskola u l-*playing area* ta' Skapuċċina.

Is-Sindku ssospenda l-Agenda biex indirizza lill-Kamra l-Perit tal-Kunsill dwar l-għoti tal-Kuntratt tat-tarmak.

Memo 33/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva, Ftehim mal-Iskemi dwar ġbir ta' skart separat.
Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat liż-żewġ kumpaniji biex jissottometu l-offerta tagħhom lill-Kunsill.

Dwar it-talba li għandu l-Kunsill biex jagħmel *road hump* fi Triq ix-Xwejni, ġie deċiż li ssir laqgħa pubblika għar-residenti tat-triq u dawk li għandhom proprjeta` f' din it-triq.

Ittri mibgħuta mill-i*staff* klerikali tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-ġranet ta' btala mhux utilizzata matul l-2015. It-talbiet ta' Cutajar u Grima kienu approvati mill-Kunsill.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Dwar ilment 73/2015 *railings* ta' faċċata Lighthouse Crt fi Triq l-Onici, is-Sindku qal ir-*railings* kien rah u għandu bżonn jinbidel.

**Nru. 74/2015 – is-Sur Joseph Camilleri**
Talab għal lampa ġdida mar-residenza 67 fi Triq Għajn Mhelhel. It-talba għal lampa ġdida kienet approvata.

**Nru. 75/2015 – is-Sindku Nicky Saliba**
Ressaq dawn il-proposti:

- biex issir il-manutenzjoni ta' Triq Ta' Ċenċ.
- jitranġa bis-siment bejn il-konkos u l-asfalt fi Triq Wied l-Infern. Xogħol approvat mill-Kunsill; isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- tiswija tar-rampa tal-garaxx maġenb ir-residenza Monchery fi Triq il-Knisja. Xogħol approvat.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 08/2015 – DOK A għall-perijodu bejn is-7 ta' Novembru 2015 u l-10 ta' Diċembru 2015 li tammonta għal €53,749.12 kienet approvata u ffirmata.

## 8. MILIED 2015

Il-Kunsill approva:

- marċ mat-toroq taż-Żebbuġ mill-Banda Santa Marija nhar it-23/12/2015.
- ikla tal-Milied għall-Kunsillieri, membri tal-Kumitat Amministrattiv u l-i*staff* tal-Kunsill nhar it-28/12/2015 f' nofsinhar.
- *party* tal-Milied għat-tfal
    - (i) l-ikel tal-*party* ikun ordnat għand Sweet Passion Confectionery.
    - (ii) tingħata tifkira lit-tfal.
    - (iii) jinkera *bouncy castle*.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- isir *bumper skirting* fil-*playing area* ta' Skapuċċina (stima ta' €1,502.85).
- isir rixtellu fl-entratura tal-*playing area* ta' Skapuċċina.
- li jitranġa s-soffitt tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.
- żewġ *planters*, żewġ bankijiet u *litterbin* għall-*playing area* ta' Skapuċċina mingħand Anton Zarb.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona li ssir ħarġa kulturali kull xahar fl-2016. Qbil mal-proposta tal-Kunsillier Saliba.

Is-Sindku tkellem dwar l-istat diżastruż ta' triq ġdida fi Triq is-Sagħtrija. Qal jekk it-triq mhux ser issir bit-tarmak fil-viċin, ta' lanqas għandha titwitta' biex it-triq issir aċċessibbli. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lis-Sur Anton Debono tas-CMU.

Is-Sindku talab biex iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tagħti spjegazzjoni għaliex iddeċidiet li s-*slipway* tal-Qbajjar ma titranġax meta l-Kumitat iddeċieda li din is-*slipway* titranġa.

Il-Kunsill iddeċieda li jiġbor kwotazzjonijiet għal xiri ta' *photocopier* u diversi oġġetti għall-Youth Spot.

Il-Kunsill approva li jinżebgħu l-ilqugħ li nbena riċentament fi Triq il-Knisja, fuq ir-riħ tal-latrina.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona li ssir riċerka dwar sit mhux żviluppat fi Triq Għajn Mhelhel, jekk is-sit hux pubbliku jew tal-privat. Il-Kunsill qabel.

## 10. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, 19 ta' Jannar 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva